MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 231/2009

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet ta' Pharma MT Limited (C42603)**

**vs**

**Jet Services Limtied (C16337) u b'digriet moghti fis-seduta tal-25 ta' Frar 2010, giet kjamata in kawza s-socjeta' John Abela Ltd, u b'digriet moghti fl-10 ta' Gunju, 2010 il-Qorti rrevokat Contrario Imperio l-kjamata in kawza ta' John Abela Limited, u bil-verbal tal-5 ta' Lulju, 2010 regghet giet kjamata in kawza s-socjeta' John Abela Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat nhar it-22 ta' Gunju 2009 fejn is-socjeta' attrici talbet lil din l-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta' disat elef, disgha mija w tnax-il Ewro (€9,912) ammont imhallas lill-assigurat

taghha, is-socjeta' Pharma MT Limited, in konnessjoni ma' nuqqasijiet u spejjez ohra sofferti mill-istess socjeta' assigurata fil-merkanzija, konsistenti fi prodotti farmacewtici, li kellha tigi minnha trasportata mill-Italja ghal Malta, u li naqset waqt li kienet qed tigi hekk trasportata. Is-socjeta' attrici giet debitament isurrogata fid-drittijiet ta' l-istess socjeta' assigurata. Dan flimkien mal-ammont ta' tlett mija, tlieta u erbghin Ewro w erbgha w hamsin centesmu (€343.54) rapprezentanti spejjez ta' *survey* inkorsi mis-socjeta' attrici.

Dan, okkorendo previa dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li huma unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet li saru fil-merkanzija kif fuq intqal.

Bl-imghax mid-data li sar il-hlas lill-asigurat, sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited (C16337) fejn esponiet is-segwenti:-

1."*Illi preliminarjament , kif fil-fatt jikkonferma ir-rikorrenti, il-merkanzija in kwistjoni giet migbura minn agent ta' l-esponenti li poggew il-merkanzija fid-depozitu (depot) ta' l-istess esponenti barra minn Malta, u imbaghad l-kumpanija John Abela Limited ittrasportat din il-merkanzija sabiex twassalha gewwa d-depozitu (depot) ta' l-intimati Malta. Illi ghalhekk hemm bzonn li s-socjeta' John Abela Limited tigi kjamata fil- kawza odjerna.*

*2. Illi matul it-trasport waqt li l-merkanzija in kwistjoni kienet fil-pussess ta' John Abela Limited, din insterqet u ghalhekk isegwi li l-esponenti qatt ma jistghu jkunu responsabbli ghal hlas lura stante li m'ghandhom l-ebda htija fl-inkarigu li kellhom iwettqu.*

*3. Illi l-merkanzija in kwistjoni ma kienitx fil-pussess ta' l-esponenti izda jigi dikjarat li l-merkanzija in kwistjoni giet misruqa waqt li kienet ghand terzi, ossia l-intimat John Abela Limited li kellhom jikkonsenjaw l-merkanzija indikata mir-rikorenti lill-esponenti.*

*4.Illi r-rikorrenti ghandu jgib prova tal-valur ta' l-oggetti li gew nieqsa.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi sottomess li kull xoghol li ghalih tigi nkarigata l-kumpanija Jet Services Limited hija dejjem regolata mill-**Kap 486** (Att dwar il-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija) a bazi tal-kunidzzjonijiet CMR, u ghaldaqstant kwalsiasi responsabilita' li din l-Onorabbli Qorti thoss li tista' tkun ta' l-esponenti hija dik stipulata mil-ligi u mhux dik mitluba mir-rikorrenti.*

*6. Illi in oltre l-esponenti ma agixxewx b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'imperizja, jew nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni ta' l-intimati jew ta' min minnhom, u ex delicto, l-esponenti mhumiex responsabbli lejn hadd ghad-dannu rikjamati (u dan kif sejjer jigi pruvat fil-mori tal-kawza) stante li l-esponenti u l-impjegati taghha ma aggixewx colpozament u multo magis, lanqas ma jista' jinghad li agixxew dolozament, izda dejjem agixxew skond dak li tirrikjedi il-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri."*

*Ghalhekk talab li t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma ingunti in subizzjoni.*

Illi nhar il-15 ta' Dicembru 2009 xehdet **Lucienne Cini** fil-kapacita' taghha ta' *senior executive* mas-socjeta' attrici. Din spjegat li s-socjeta' Pharma MT Limited ghandha *marine open cover* maghhom u kienu infurmawhom li kellhom trailer li gie misruq. Huma qabbdu lis-surveyors taghhom MSV Valletta sabiex jaghmlu investigazzjoni w irrizulta li kien hemm *cliam* ta' disat elf, disgha mija w tnax-il Ewro (€9,912). Huma hallsu din is-somma lis-socjeta' Pharma MT Limited. Tghid li dan il-container kellu jingarr mis-socjeta' Jet Services Limited. Hija esebiet il-*bill of lading* li gie mmarkat bhala Dok M, is-*survey form* Dok MI 1, *is-subrogation form* Dok MI 2,

numru ta’ *invoices* u *packing list* li gew mmarkati komplessivament MI 3 u ittra li giet mibghuta lill-assiguratur taghhom Dok MI 4. Ikkonfermat li s-socjeta’ konvenuta ma accettatx ir-responsabilita’ ta’ dan in-nuqqas.

**James Magri** *loss adjustor* mas-socjeta’ MSV Valletta Limited xehed nhar il-25 ta’ Frar 2010 u gharaf ir-rapport tieghu esebit fl-atti a fol. 14, liema rapport gie maghmul minnu nhar it-22 ta’ Awwissu 2008, u wara li kkonferma r-rapport tieghu stqarr li verament kienet sehhet serqa l-Italja.

**Patrick Nicholl,** Direttur tas-socjeta’ Pharma MT Limited xehed nhar il-25 ta’ Frar 2010 u kkonferma li l-merkanzija li kellhom gewwa *container* kienet giet misruqa l-Italja fis-7 ta’ Lulju 2008. Jghid li s-serqa kienet koperta bil-polza ta’ sigurta mal-brokers Jetco. Qal li l-merkanzija in kwistjoni kienet konsistenti f’*medical devices.* Ikkonferma li huma thallsu ghal din il-*claim* mis-socjeta’ attrici Middlesea Insurance. Gharaf il-firma tieghu a fol 16 fuq is-*subrogation form* esebita.

**Olvin Galea** Direttur tas-socjeta’ Jet Services Limited xehed nhar l-10 ta’ Ginju 2010 u spjega li huma jaghtu servizz ta’ *groupage* mill-Italja kull gimgha. Huma kienu nkarigaw lis-socjeta’ John Abela Limited sabiex tigbor xi xoghol mid-depot taghhom gewwa Milan u *en route* lejn Malta, wara li s-socjeta’ John Abela Limited kienet gabret il-merkanzija, din giet misruqa. Jghid li s-socjeta’ John Abela Ltd. ghamlet rapport lill-awtoritajiet Taljani dwar din is-serqa w huma kellhom jinfurmaw lill-klijenti taghhom Pharma MT Limited skond is-CMR conditions, u hekk ghamlu. Ikkonferma li kienet is-socjeta’ Pharma MT li kienet qabbdet lis-socjeta’ attrici Middlesea Insurance. Qal li s-*sub contracting* li ghamlu mas-socjeta’ John Abela Limited, ghamluh skond is-soliti kundizzjonijiet.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ kjamata in kawza John Abela Limited (C18181) fejn esponiet is-segwenti:-

*1. Illi in linea preliminari it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' esponenti huma preskritti ai termini tal-**artikolu 32** tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), inkorporata f'Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi primarjament it-talbiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma tezisti l-ebda realzzjoni guridika u/jew kuntrattwali bejn is-socjeta' attrici w dik esponenti.*

*3. Ili minghajr pregudizzju u fil-mertu, s-socjeta' esponenti mhix responsabbli lejn is-socjeta' attrici stante li jekk jirrizulta li huwa minnu li l-merkanzija in kwistjoni giet nieqsa kif allegat, dan sehh konsegwenza ta' forza magguri (irresistible force ossia fortuitous event) u/jew fatti ohra li s-socjeta' esponenti la kellha kontroll fuqhom u wisq inqas setghet tevita, u dan ai termini tal-**artikolu 23** tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija (CMR), inkorporata f'kapitolu 486 tal-Ligjiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-**artikoli 1134 u 1029** ta Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta.*

*4. Illi minghajr pegudizzju ghas-suespost il-ftehim relattiv ghall-garr tal-merkanzija in kwisjtoni kienet inkorporata l-konvenzjoni CMR li fi kwalunkwe kaz tillimita r-responsabilita' tas-socjeta' esponenti w ghalhekk ir-responsabilita' tas-socjeta' esponenti ma ghandhiex tissupera l-limiti imposti minn* **Artikolu 23** *ta' l-imsemmija konvenzjoni.*

*5. Ili s-socjeta' esponenti hija assikurata mas-socjeta' assikuratrici Millenium Insurance Agency Limited, u ghalhekk jehtieg li din ta' l-ahhar tigi kkjamata fil-kawza odjerna.*

*6. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess."*

Illi nhar it-12 ta’ April, 2011 xehed **Carmelo Abela** bhala Managing Director tas-socjeta’ John Abela Limited. Spjega li nhar it-23 ta’ Gunju 2008 huwa flimkien ma’ huh Lino kien dahal f’akkordju mas-socjeta’ konvenuta Jet Services Limited dwar garr ta’ tliet containers mill-Italja ghal Malta. Qal li kellhom jghabbu x-xoghol fis-27 ta’ Gunju 2008 u jnizzluh Genova bejn il-Gimgha w is-Sibt ta’ wara, sabiex it-Tnejn ta’ wara dawn il-containers jitghabbew ghal Malta. Huwa kkonferma li kien ghadda t-trailers u li x-xoghol kien kollu taht is-CMR conditions li kopja taghhom gew esebiti w immarkati bhala Dok Z. Jidher li t-trailer haduh fis-27 ta’ Gunju 2008. Spjega li wiehed minn dawn it-trailers kien inqala’ minn maz-ziemel u gie misruq. In segwitu’ huwa ghamel rapport ghand il-Pulizija, w esebixxa kopja tieghu li gie mmarkat bhala Dok X. Ikkonferma li relazzjoni mas-socjeta’ attrici ma kellhomx izda kellhom biss relazzjoni mas-socjeta’ konvenuta Jet Services Limited. Jghid li huma ghandhom relazzjoni tajba mas-socjeta’ konvenuta w fil-fatt igorrulha ix-xoghol kull gimgha.

Semghet lill-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tas-socjeta’ kjamata in kawza fis-seduta ta’ nhar is-16 ta’ Lulju 2011.

Ikkunsidrat:-

**Illi ghalhekk din is-sentenza ser tkun limitata biss ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta’ kjamata in kawza.**

Minn ezami tal-atti, ghar-rigward ta’ din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta’ kjamata in kawza jirrizulta li:

1. Is-socjeta’ konvenuta Jet Services Limited kienet giet inkarigata sabiex tittrasporta mill-Italja lejn Malta xi prodotti farmacewtici ghas-socjeta’ Pharma MT Limited.

2. Hekk kif kienet qeghda tigi trasportata din il-merkanzija sehhet serqa.

3. Is-socjeta’ rikorrenti Middlesea Insurance p.l.c. hallset lis-socjeta’ Pharma MT Limited is-somma ta’ €9,912 u dan sabiex taghmel tajjeb ghal merkanzija misruqa.

4. Oltre l-ammont ta’ €9,912, is-socjeta’ rikorrenti qeghda titlob ukoll il-hlas ta’ €343.54 bhala spejjez inkorsi minnha ghas-survey report relattiv.

5. L-istess socjeta’ rikorrenti Middlesea Isurance p.l.c. giet surrogata fid-drittijiet ta’ Pharma MT Limited.

6. Din il-merkanzija giet migbura minghand agent tas-socjeta’ intimata Jet Services Limited u tpoggiet f’depot barra minn Malta sakemm is-socjeta’ kjamata in kawza John Abela Limited tkun f’posizzjoni li titrasporta din il-merkanzija lejn Malta fid-depot taghhom.

7. Is-serqa sehhet nhar is-7 ta’ Lulju, 2008 gewwa l-Italja.

8. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-22 ta’ Gunju, 2009 u s-socjeta’ intimata giet notifikata fit-22 ta’ Lulju, 2009.

9. Mill-atti ma jirrizultax li qabel ma gie prezentat ir-rikors promotur is-socjeta’ attrici pprezentat xi att iehor la fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta w lanqas fil-konfront tas-socjeta’ kjamata in kawza.

10. Illi fuq talba tas-socjeta’ konvenuta, s-socjeta’ John Abela Limited giet imsejha bhala kjamata in kawza b’digriet ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Gunju 2010 u l-istess socjeta’ kjamata in kawza pprezentat ir-risposta taghha ghar-rikors promotur bil-visto tal-kontro parti nhar il-21 ta’ Frar 2011.

Is-socjeta’ kjamata in kawza qeghda tecepixxi l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-**artikolu 32** tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta’ Merkanzija (CMR) inkorporata fil-Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ewwel punt li tixtieq taghmel din il-Qorti hu wiehed ta' indole generali fis-sens illi l-artikolu taht ezami jimporta l-applikazzjoni ta' zmien limitattiv li fih azzjoni ta' rizarciment tad-danni setghet tigi ezercitata. Hu allura car illi d-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata, f'kaz ta' dubbju, favur li jippreserva l-azzjoni. F'dan il-kaz allura, favur l-ahjar mod kif ghandha tigi assigurata l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-perjodu preskrittiv estintiv ta' dik l-azzjoni. L-artikolu ghandu allura jigi interpretat, dejjem f'kaz ta' dubbju, favur li d-dritt tal-kreditur jigi preservat. Dan ghar-raguni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontendenti jigu debitament accertati, hi minnha nnifisha odjuza u ghandha allura tigi applikata restrittivament. Premessa din li naturalment ma tfissirx illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma ghandhiex tinghata fejn il-ligi hekk tippermetti w m'ghandhiex tigi mill-Qorti debitament milqugha. Dan l-**artikolu 32** jaqra hekk:

*1. The period of limitation for an action arising out of carriage under this Convention shall be one year. Nevertheless, in the case of wilful misconduct, or such default as in accordance with the law of the court or tribunal seised of the case, is considered as equivalent to wilful misconduct, the period of limitation shall be three years. The period of limitation shall begin to run:*

*a) In the case of partial loss, damage or delay in delivery, from the date of delivery;*

*b) In the case of total loss, from the thirtieth day after the expiry of the agreed time-limit or where there is no agreed time-limit from the sixtieth day from the date on which the goods were taken over by the carrier;*

*c) In all other cases, on the expiry of a period of three months after the making of the contract of carriage.*

*The day on which the period of limitation begins to run shall not be included in the period.*

*2. A written claim shall suspend the period of limitation until such date as the carrier rejects the claim by notification in writing and returns the documents attached thereto. If a part of the claim is admitted the period of limitation shall start to run again only in respect of that part of the claim still in dispute. The burden of proof of the receipt of the claim, or of the reply and of the return of the documents, shall rest with the party relying upon these facts. The running of the period of limitation shall not be suspended by further claims having the same object.*

*3. Subject to the provisions of paragraph 2 above, the extension of the period of limitation shall be governed by the law of the court or tribunal seized of the case. That law shall also govern the fresh accrual of rights of action.*

*4. A right of action which has become barred by lapse of time may not be exercised by way of counterclaim or set-off.*

Ikkunsidrat ulterjorment;

Hu car illi din id-disposizzjoni nkitbet meta ma kienx hemm il-facilita’ teknologika li hemm illum fl-iskjambu ta’ nformazzjoni w fl-accessibilita’ ghad-dokumenti. Il-Konvenzjoni allura riedet tassigura illi min kien obbligat li jipprezenta l-azzjoni ghad-danni w li kontra tieghu ikun qed jiddekorri preskrittiv estintiv tal-azzjoni, kien f’posizzjoni li jkollu f’idejh fizikament id-dokumentazzjoni mehtiega biex jaghmel hekk sewwa. Dokumentazzjoni illi l-Konvenzjoni tipprezumi illi kellha tkun tifforma parti mill-claim li tkun effettivament intbaghtet mid-danneggjat lit-trasportatur.

Ghal din il-Qorti hu ovvju li, filwaqt li din id-disposizzjoni ma hix tassattivament timponi illi r-“written claim” ghandha tkun necessarjament dokumentata taht piena ta’ xi nullita’, l-intenzjoni tal-firmatarji tal-Konvenzjoni indubbjament hi illi l-claim kellha tkun tali li mhux biss tispecifika d-

domanda imma wkoll, kif kienet minn dejjem prattika fil-kummerc, li tali talba tkun adegwatament dokumentata. Dawn id-dokumenti illi jipprovdu l-prova *prima facie* tal-kontroll taghhom mhux biss mill-prezunzjoni tal-ligi u li jitqeghdu ghad-disposizzjoni tal-kontro-parti.

Jirrizulta f'dan il-kaz kif xehed Carmelo Abela, Managing Director tas-socjeta' John Abela Limited li huma kellhom jigbru x-xoghol minn gewwa l-Italja nhar it-30 ta' Gunju 2008 fuq struzzjonijiet moghtija lilhom mis-socjeta' konvenuta nhar it-23 ta' Gunju 2008. Jirrizulta pero' li nhar it-28 ta' Gunju 2008, waqt li wiehed mill-containers kien taht il-kustodja tieghu insteraq, kif jirrizulta mid-dokument X. Illi minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta' attrici ghamlet xi claim maghhom ghas-somma mitluba fir-rikors promotur minkejja li kienet taf dwar is-serqa w l-ewwel darba li s-socjeta' kjamata in kawza irceviet talba ghad-danni kienet meta gew notifikati bhala kjamati in kawza. Din in-notifika mill-atti ma tirrizultax, pero' zgur li dan sar wara l-perijodu preskrittiv, u fil-fatt nhar il-21 ta' Frar 2011 l-istess socjeta' kjamata in kawza pprezentat l-eccezzjonijiet taghha (fol. 37).

Illi dan il-kaz jittratta ta' "total loss" minhabba li l-merkanzija kollha sparixxiet u billi ma jirrizultax li kien hemm zmien espress stipulat ghat-trasport, it-terminu tal-preskrizzjoni huwa sena li tibda tghodd –

*"from the sixtieth day from the date on which the goods were taken over by the Carrier."*

M'hemmx dubbju li z-zmien imsemmi fl-**artikolu 32** tal-Kap 486 zgur li skada w li ma kien hemm l-ebda kitba bejn is-socjeta' attrici w is-socjeta' kjamata in kawza qabel in-notifika tar-rikors promotur li seta' jinterrompi l-perijodu ta' preskrizzjoni. Illi f'dan il-kaz m'hemm l-ebda allegazzjoni li kien hemm xi 'wilful misconduct' u ghalhekk il-perijodu hu dak imsemmi fi-sun inciz 'b'.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel ecezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza John Abela**

**Limited u tiddikjara li l-azzjoni reklamata mis-socjeta' attrici hija preskritta fil-konfront taghha.**

**L-ispejjez ta' din is-sentenza huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------